**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023**

**<u>Rikors nru : 215/2023 AGV</u>**

**AS**

**u**

**M S**

**vs**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors kongunt ta' AS u M S ;**

**Jesponu bir-rispett:**

Illi l-partijiet izzewwgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u z-zwieg taghhom gie irregistrat fir-registru pubbliku ta' Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. A);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla, E, li twieldet fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi l-paritjiet isseparaw *ex lege* permezz ta' Kuntratt Pubbliku datat erbgha u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u sbatax (24/8/2017) fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi (hawn ezebit bhala Dok. B).

Illi ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi l-partijiet m'ghandhomx pretensjonijiet kontra xuxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tal-partijiet hawn anness bhala Dok. C u Dok. D.

Illi Martina Selvagi tixtieq izzomm kunjoma mizzewga S.

Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet AS u MS ai termini tal-artikolu 66A *et seq* tal-Kodici Civili u Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 22 ta' Dicembru 2011.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**